# Formola għal min ikaxxar il-ktajjen fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, fil-Mosta - 2023

1. Biex wieħed iġorr il-ktajjen fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Mosta irid ikun għalaq it-tmintax-il sena sa dakinhar tal-Ġimgħa l-Kbira, u jrid ikun inkiteb biex jieħu sehem.
2. **Il-kitba ssir waqt is-seminar organizzat mill-Grupp Organizzattiv Ġimgħa l-Kbira, Mosta li jsir fis-Sala Papa Wojtyla nhar il-Ħadd 26 ta' Frar 2023**. In-numru tal-postijiet hu limitat għal ħamsin. Il-post fejn wieħed u min ma jilħaqx jinkiteb ma jkunx jista' jieħu sehem. Il-post fejn wieħed se jkaxxar l-ktajjen fil-purċissjoni jintgħażel meta ssir il-kitba.
3. Biex wieħed jinkiteb, irid **(1) jimla u jġib miegħu din il-formola** u **(2) iġib kopja minn quddiem u minn wara tal-karta tal-identità**. Jekk ikun hemm xi ħadd li ma jistax jinkiteb fid-data stabbilita f'paragrafu numru 2, **jista' jibgħat persuna oħra f'ismu li ma tkunx se tapplika biex tkaxxar dik is-sena.**
4. Dakinhar tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira il-persuna trid iġib il-formola kif ukoll il-karta tal-identità.
5. Kull wieħed għandu jkollu kunfratija nadifa u li tiġih sewwa fid-daqs u għandu jżomm f'idejh salib u fanal. **L-irbit tal-ktajjen mar-riġel għandu jsir permezz ta' ċraret bojod.**
6. Il-Grupp Organizzattiv jipprovdi sett ktajjen lil kull min jinkiteb. Dawn il-ktajjen għandhom jinġabru mill-maħżen tal-Monument nhar il-Ġimgħa l-Kbira bejn l-3:45pm u l-4:30pm u jiġu rritornati eżatt kif tidħol il-vara rispettiva. Taħt l-ebda ċirkustanza mhu permess l-użu ta' ktajjen personali jew kwalunkwe alterazzjoni għall-ktajjen tal-Grupp Organizzattiv.
7. Hu assolutament projbit xorb u tipjip. Min jinqabad ipejjep jew ma jġibx ruħu sewwa jiġi ordnat iħalli l-purċissjoni. Ħadd m'għandu jħalli b'kapriċċ il-purċissjoni qabel jasal fil-Bażilika.
8. L-organizzazzjoni u l-osservanza ta' dawn ir-regoli se tkun f'idejn il-membri tal-Grupp Organizzattiv u f'idejn persuni oħra nkarigati li jkollhom kard apposta biex jiġu identifikati.

| **ISEM U KUNJOM:** | |
|---|---|
| **STATWA:**<br>titniżżel mill-Grupp Organizzativ dakinhar tal-kitba | **Numru tal-ID:** |

----------------------------------------------------------------------------------------------------------------

| **KTAJJEN - PURĊISSJONI ĠIMGĦA L-KBIRA – 2023** | | |
|---|---|---|
| **ISEM U KUNJOM:** | | |
| **STATWA:**<br>titniżżel mill-Grupp Organizzativ dakinhar tal-kitba | **ID:** | **MOBAJL:** |

Jien naċċetta dawn il-Linji Gwida u nagħti l-kunsens biex:

☐ Nagħti permess biex il-parroċċa tal-Mosta tkun tista' żżomm u tuża l-informazzjoni li qed tinġabar.

☐ Nagħti permess biex jieħdu ritratti u/jew filmati tiegħi waqt li qed nipparteċipa fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u attivitajiet oħra relatati magħhom. Dawn ir-ritratti u filmati jistgħu jintużaw fuq siti elettroniċi, paġna tal-facebook jew pubblikazzjonijiet.

☐ Nixtieq nirċievi informazzjoni oħra dwar diversi inzjattivi li l-parroċċa tkun qed tieħu.

*Trid timmarka l-kaxxi kollha fis-sezzjoni tal-kunsens bħala prova li inti taqbel magħhom.*

_______________________________________________

**FIRMA U DATA:**